**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 24 ta' Settembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**Spettur Hubert Cini**

**vs**

**Carl Ciantar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Carl Ciantar u detentur tal-karta tal-identita' numru 421789 M akkuzat talli:

Fl-10 ta' Gunju 2014, gewwa Triq Ninu Cremona Paola, Malta ghal habta ta' bejn 11:15 am u 11:30 am - minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Jean Claude Ciantar, ta' natura gravi jew gabilha disordni

f'mohhha kif iccertifikat Dr. Josianna Sammut (reg: 2329) u dan bi ksur tal-Artikli 214, 215, 216 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Akkuzat talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi, ta fastidju lil Jean Claude Ciantar u dan bi ksur tal-Artikli 251 A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Akkuzat talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi, talli ikkaġunajt lil Jean Claude Ciantar biża li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-Artikli 251 B tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal- Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Carl Ciantar u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Settembru, 2014 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw ncident bejn zewgt irgiel, l-imputat u l-parti civili Jean Claude Ciantar, li sehh fl-10 ta' Gunju, 2014 ghall-habta tal-11:00am fi Triq Nino Cremona Rahal Gdid, fejn inqalghet tilwima bejn zewg sewwieqa. Waqt li wiehed minnhom (il-parti civili) kien qed jirriversja sabiex johrog minn parking space u l-imputat kien qed jipprocedi fit-triq bil-vann tieghu hu waqaf ghaliex dehrlu li l-parti civili kien insultah meta ghamel referenza ghal ommu. Meta l-parti civili li dejjem baqa' fil-vettura tieghu proceda sabiex jitlaq minn fuq il-post, l-imputat segwih u meta Jean Claude Ciantar kellu jieqaf minhabba t-traffiku, l-imputat lahqu u wara li ta xi daqqiet ta' ponn fuq il-vettura tieghu proceda sabiex jaghti daqqa ta' ponn f' wicc Jean Claude Ciantar fejn gew kagunati griehi li gew certifikati bhala gravi minhabba li kellhom isiru xi punti fil-wicc[1]. Mill-provi rrizulta li z-zewg partijiet la kienu jafu lil xulxin qabel u lanqas qatt kellhom xi divergenzi bejniethom, u li l-unika raguni li sehh l-incident kien ghaliex il-parti civili qal xi haga lill-imputat meta dan tal-ahhar ma cedilux sabiex johrog mill-parking, u l-imputat nizel ghas-sodisfazzjon ghaliex dehrlu li l-parti civili kien insulentah b' ommu.

Illi meta xehed il-parti civili jean Claude Ciantar waqt l-udjenza ta-4 ta' Dicembru, 2014 huwa rega' rrepeta dak li qal lill-Pulizija meta ghamel ir-rapport u spjega ulterjorment li meta mar jikkonfrontah l-imputat u sostna li kien offendih b' ommu, huwa kien spjegalu li dan ma kienx minnu u qallu ukoll li jekk fehmu hekk kien xorta wahda qed jiskuza ruhu, izda l-imputat segwih u meta waqaf fit-traffiku ta' daqqiet ta' ponn fuq il-karozza u mbaghad fuq wiccu. Il-parti civili qal li kien qed jahfer lill-

[1] Vide Certifikat mediku a fol 30 tal-atti processwali u x-xhieda tat-Tabiba li rrilaxxatu a fol 31 tal-atti processwali

imputat u kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tieghu.

Illi l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol 8 sa 10 kif ukoll meta xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2015 dejjem sostna li t-tilwima bejnu u bejn il-parti civili kienet wahda verbali biss u li huwa fl-ebda stadju ma ta' daqqiet ta' ponn f' wicc il-parti civili jew fuq il-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li semghet liz-zewg partijiet involuti fl-incident de quo jixhdu viva voce quddiemha u wara li rat dak li qalu a tempo vergine din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti civili Jean Claude Ciantar tirrifletti dak li effettivament gara. Apparti l-fatt li l-komportament tieghu ma halla ebda dubju dwar dak li kien qed jghid u apparti l-fatt li huwa mal-ewwel qal li jahfer lill-imputat ghal dak li kien gara, wiehed ma jistax ma jikkonstatax li c-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Josianne Sammut jikkorrobora pjenament dak li qal Jean Claude Ciantar. Il-Qorti tixtieq inoltre tirrileva li huwa ferm inverosimili dak li qed isostni l-imputat u cioe' li huwa ha l-izbriga li jwaqqaf il-vettura tieghu, jinzel minnha, jmur jikkonfronta lill-parti civili u mbaghad jibqa' sejjer warajh ghas-sodisfazzjon u kull ma ghamel kien li jistaqsih il-ghala offendih b' ommu.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fid-data, lok u hin indikati fic-charge sheet. Il-Qorti inoltre ma taqbilx

mat-tezi tad-Difiza li mill-provi jirrizulta li kien hemm xi forma ta' provokazzjoni da parti tal-parti civili.

Min-naha l-ohra l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mid-Difiza rigwardanti t-tieni u t-tielet imputazzjoni u cioe' li ma tirrizultax ir-rejita' ghar-reati kontemplati fl-Artikoli 251A u 251B tal-Kodici Kriminali stante li l-incident de quo sehh f' okkazzjoni wahda biss u ma ngabet ebda prova li kien hemm xi train of events li setghu jaghtu fastidju jew joholqu biza' li ser tintuza vjolenza kontra Jean Claude Ciantar mill-imputat. L-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda l-addebitu tar-recidiva l-Qorti tirreferi ghall-kopji tas-sentenzi nseriti a fol 54 sa 68 tal-atti processwali minn fejn jirrizulta minghajr dubju li l-imputat huwa recidiv taht kemm l-Artikolu 49 kif ukoll l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li huwa xahrejn qabel l-incident de quo kien inghata l-opportunita' li jirriforma ruhu permezz ta' Ordni ta' Probation li nghata f' sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-2 t' April, 2014 izda huwa ghal darb' ohra m' gharafx juzufruwixxi minn din l-opportunita' moghtija lilu minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu. Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li qalet ix-xhud Jean Cali r-rapprezentanta tal-Caritas u cioe' li l-imputat kien qed isegwi programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga u li sa fejn taf hi kien sejjer tajjeb izda din il-Qorti setghet tinnota li l-informazzjoni moghtija kienet kemm xejn vaga. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva b' rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva

ta' Kordin li l-imputat jithalla jkompli l-programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 215, 216, 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**
**Deputat Registratur**